MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 773/2010

***Mobisle Communications Limited***
***Vs***
***Stephen Tedesco***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lill-konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mija disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€629.74), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Cmmunications Limited* in rigward ghas-servizzi lil rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bi-numru *1014584* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru

ipprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat fit-30 ta' Lulju, 2010, izda baqa' ma pprezentax risposta.

Ra x-xhieda tal-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Hemm konferma da parti tas-socjeta' attrici, li l-konvenut kien debitur fil-konfront taghha u ma kienx effettwa ebda pagament sa' dak il-mument. Lanqas biss ha l-opportunita' li jiddefendi l-posizzjoni tieghu, minkejja li kien gie notifikat u ghalhekk kien jaf bil-kawza.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija disgha u ghoxrin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€629.74), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Cmmunications Limited* in rigward ghas-servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *1014584* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2009.

Bl-ispejjez u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------